**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Dicembru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**

**-vs-**

**Joseph Grech, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 156363M; u Omissis**

*Kumpilazzjoni Nru.168/2006*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat u Omissis, u ċioè talli:

Fis-16 ta' Frar, 2006, u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'diversi ħinijiet ġewwa Ħaż-Żabbar, f'Birkirkara u f'imkejjen oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti ukoll jekk magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioe' talli:

1. Ħeddew lil Nicola Farrugia b'xi delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid li kien bil-fomm, kien hemm ordni jew kundizzjoni u dan bi ksur tal-Artikoli 249(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess perjodu, użaw vjolenza sabiex iġiegħlu lil Nicola Farrugia jagħmel, iħalli jsir jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa u dan bi ksur tal-Artikolu 251 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess perjodu, użaw xi sistema' jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizżat għal xi għan li ma kienx dak li għalih kien provdut, jew naqsu milli josservaw dawk l-istruzzjonijiet li nħarġu mill-provditur awtorizżat għall-użu sew tas-sistema' tat-telekomunikazzjoni jew tgħamir jew għamel użu minnu mhux sewwa.

4. Fl-istess perjodu, inġurjaw jew heddew lil Nicola Farrugia u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Irrendew ruħhom reċedivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2006, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-20 ta' Frar, 2018.

Ikkunsidrat:
Illi l-pulizija bdiet tinvestiga rapport ta' rikatt u *harassment* fil-konfront ta' Nikol Farrugia minn zewgt irgiel, wiehed barrani. Hu kien qed jigi frekwentat minnhom personalment kif ukoll permezz tat-telefon biex jghaddilhom somma flus li dak iz-zmien meta ghamel ir-raport kien semma li kienet ta' Lm9,000. Wara li kien ghadu kemm kellu inkontru maghhhom u regghu talbuh il-flus, iddecieda li jmur ghand l-**Assistent Kummissarju Emanuel Cassar.** Kif beda jispjegalu l-ilment tieghu kienet saret telefonata, li kien gja gie avzat biha, minn gewwa l-habs. Cassar sema t-telefonata hu wkoll u gharraf il-vuci bhala dik ta' **Melchior**

**Spiteri fejn semghu jghid lil Farrugia biex jaghti il-flus lilhom u** *"qallu "'mieghi m'ghandekx x'taqsam aktar" qallu "issa ghandek x'taqsam ma dawk it-tnejn."".*[1] Sema' kif f'investigazzjoni parallela fil-habs kienu gew misjuba diversi mobiles. Meta hu staqsa lil Farrugia xi flus kellu jaghti, dan infurmah li kien fetah qalbu ma Spiteri fi zmien meta kien qed jiskonta sentenza u rrakontalu kif kien f'negozju u li lavrant tieghu ma kienx jghaddilu flus tal-istess negozju. Spiteri kien weghdu li *"jehodlu hsieb hu"* kif fil-fatt sehh peress li Spiteri rrangalu kollox. Farrugia stqarr li jahseb kien fuq hekk peress li ma kellux jaghti flejjes peress li qatt ma ha xi self.[2]

Illi l-**Ispettur Pullicino** esebixxa mobile phone li gie elevat minn Division 3 fil-habs, minn **PS276 Bernard Zahra** u **PC922 Valhmor Medati** kif ukoll mobile iehor li gie elevat minnu u minn PS Saliba fis-16 ta' Frar, 2016 minn fuq il-persuna ta' Bechir Khadraoui.[3] Zahra u Medati jikkonfermaw li mobile CP1 nstab fic-cella ta' Ali Amber gewwa Division 3.[4]

Illi **Denise Formosa Gruppetta** esebit *call profile* ghan-numru 99848297 liema numru kien registrat fuq certu Bechir Khadroaui;[5]

Illi **Anthony Bonnici** esebixxa *call profiles* ghal 79706862 registrat fuq Adrian Farrugia minn Haz-Zabbar. Numru iehor li kien fuq *pre-paid contract* ukoll kien 79913065 li baqa' mhux registrat.[6]

Ghalkemm dawn il-*call profiles* setghu jikkoroborraw, mqarr in parte, il-verzjoni tal-parte leza u cioe` li kienu qed isiru telefonati lilu kemm mill-habs kif ukoll minn Omissis, stranament il-prosekuzzjoni lanqas ippruvat tipprova in-ness bejn ic-cellulari 79706862, prezumibilment dak ta' iben Nikol Farrugia, mal-istess Nikol Farrugia. Ghaldaqstant tali telefonati ma jistghu qatt joffru xi prova li torbot l-imputat ma Farrugia.

Illi l-ahhar seduta utli sehhet fl-**1 ta'Novembru, 2006** peress li fis-seduta tal-**8 t'Ottubru, 2007** (sena wara) gie dikjarat li Omissis kien harab minn dawn il-Gzejjer u ntalab is-separazzjoni tal-gudizzju. Baqaw isiru seduti

[1] Fol.38
[2] Fol.29
[3] Fol.54
[4] Fol.55-56
[5] Fol.30 et seq.
[6] Fol.67 et seq.

izda bl-ebda progress minhabba raguni jew ohra sa mit-**23 t'Ottubru, 2007**.

Illi wara li fis-26 t'Ottubru, 2017, din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti, kif presjeduta, saret seduta fl-20 ta' Frar, 2018, fejn ghall-ewwel darba xehed Nikol Farrugia.

Illi x-xhieda tal-ufficjal prosekutur **Chris Pullicino** ttiehdet biss nhar it-3 ta' Mejju, 2018, wara diversi sforzi li kellhom isisru sabiex dan jigi notifikat. Ix-xhieda ta' Pullicino tiffoka fuq inkontru li kien gie mgharraf li ser ikollu Farrugia maz-zewg rikattaturi fejn l-Empire Cinema, fejn hekk kif wasslu fuq il-post, kif kien gja wissa' li ser jigri Farrugia, dawn gew arrestati. Madanakollu l-kumplament tal-investigazzjoni tibqa' mistura u ma jsir l-ebda accenn iehor ghar-rizultanzi taghha, senjatament dwar x'kienet ir-raguni ghaliex il-pulizija hasbet li kien qed jigi rikattat Farrugia galadarba ghazlet li temmnu tant li harget l-akkuzi fil-konfront tal-imputati![7]

Illi **Nikol Farrugia** ukoll naqas milli jikkonvinci lill-Qorti li kien qed jaghti verzjoni shiha tal-fatti kif sehhew. Jishaq li kien qed jigi segwit mill-imputati u *harassed* biex itihom il-flus li llum il-gurnata jghid kienu ta' LM2,000. Issib diffikulta` jispjega ghaliex riedu l-flus. Izda aktar importanti minn hekk jikkonferma li qatt ma kien hemm theddid da parti tal-imputat Grech, izda kien biss Omissis li darba fost l-ohrajn urieh ritratt tar-residenza tieghu fuq il-mobile u wissieh li kien jaf fejn joqghod fost diskors ta' theddid iehor. Grech qatt ma uza mobile biex ikellmu, nkontri kienu biss *"Face to Face"*.

Ix-xhieda ta' Farrugia hi wahda li ma tikkonvincix lill-Qorti. Zgur li dan wara li qabbad lil Melchior Spiteri, li wara kollox kien inkarcerat mieghu, jiehu hsieb diffikultajiet ta' negozju li hu kellu fuq barra, dan spicca f'kobbla mhabbla li fi kliem l-istess Spiteri -dejjem skond Farrugia - *"'mieghi m'ghandekx x'taqsam aktar" "issa ghandek x'taqsam ma dawk it-tnejn."".*[8] Il-fatt li Farrugia ghazel izomm lura fuq certu dettalji meta xehed, liema xhieda inghatat b'mod mqanzah ghall-ahhar, jipprekludi lill-Qorti milli tistrieh fuqha. La ghandha mis-sewwa ghal kollox u ghalhekk la hi *safe* u wisq anqas *satisfactory*.

---

[7] Fol.208-212
[8] Fol.38

Il-Qorti tista biss tispekula ghaliex issa spicca' jrid jaghmel il-kontijiet maghhom wara li Spiteri ta' indikazzjoni cara li wara li kien hadlu hsieb il-problema li kellu, Farrugia kellu jkompli jinnegozja mal-imputati!! Altru` li Nikol Farrugia jaf kemm kien verament l-ammont mitlub mill-imputati u cioe` jekk kienx dak ta' LM9,000 (kif sahaq meta rrikorra l-ewwel darba ghand il-pulizija) jew dak ta LM2,000 (kif xehed) u ghal xhiex kienu qed jinsistu li jhallashom. Hu kemmxejn provvidenzjali li waqt li kien fil-presenza tal-Assistant Kummissarju saritlu telefonata mill-Habs, u daqstant iehor kienet koincidenza fortunata li l-imputati gew arrestati propju meta rrikorrew fil-post fejn kien mifthiem jiltaqa' maghhom Farrugia biex ihallshom!

Il-kumplament tal-provi jonqsu milli b'xi mod remot jissostazjaw l-akkuzi addebitati.

Ghal dawn il-mottivi, in vista tal-mankanza assoluta ta' provi, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**